# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' April 2016**

**Kawza Numru : 26**
**Rikors Guramentat Numru : 20/2015/LSO**

**240 Limited (C37793)**

**vs**

**Münchener Boulevard Möbel GmbH**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` attrici 240 Limited (C-37793) datat 12 ta' Jannar 2015 fejn bil-gurament tieghu,

Desmond Mizzi (K.I. 465463M) debitament awtorizzat ghal dan l-iskop, ikkonferma:-

Illi permezz ta' ftehim datat it-2 ta' Marzu 2010, u mmarkat bhala "Dok A" (minn issa 'l quddiem imsejjah il-"Ftehim") is-socjeta` esponenti giet inkarigata mis-socjeta` intimata bhala *sub-contractor* tal-istess socjeta` intimata *ai fini* ta' kuntratt principali bejn is-socjeta` intimata u Palm City Limited (C 34113), datat il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar 2010, kopja ta' liema qieghda tigi mmarkata bhala "Dok B" (hawn 'il quddiem imsejjah il-"Kuntratt Principali"), u dan sabiex twettaq xi whud mix-xoghlijiet li l-intimata giet ingaggata sabiex twettaq *ai termini* ta' l-istess Kuntratt Principali (senjatement xoghlijiet ta' installazzjoni);

Illi permezz tal-Kuntratt Principali s-socjeta` intimata kienet giet ingaggjata minn Palm City Limited sabiex twettaq xoghlijiet ta' installazzjoni, manifattura, trasport u kunsinna ta' ghamara tad-ditta BP36 u dan gewwa l-Libja;

Illi *ai termini* tal-Ftehim is-socjeta` esponenti kellha tassumi l-obbligi u twettaq ix-xoghlijiet relatati ma’ installazzjoni kif inhuma hekk deskritti:

"240 *limited will be held liable and is responsible for the* ***complete installation and all requirements resulting from this*** *subject to the goods being of good quality."*

Illi bhala konsiderazzjoni ta' dan l-assumazzjoni kif ukoll it-twettiq ta' dawn ix-xoghlijiet is-socjeta` intimata kellha

thallas lill-attrici somma ekwivalenti ghal ghaxra fil-mija (10%) tal-prezz globali tal-Ftehim Principali;

Illi l-attrici ikkompletat ix-xoghlijiet miftehma u dan skont is-sengha u l-arti u skont l-inkarigu moghti lilha mill-intimata;

Illi ghalhekk is-socjeta` intimata ghandha thallas lill-attrici il-konsiderazzjoni miftehma, senjatament is-somma ta' tletin elf, erba’ mija u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€30,490.81), u dan kif indikat fuq il-fattura mmarkata bhala "Dok C";

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, inkluz permezz ta' l-ittra ufficjali bin-numru 3060/13 (kopja ta' liema qieghda tigi mmarkata bhala "Dok D"), liema ittra ufficjali giet debitament notifikata, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

Illi b'hekk is-socjeta` intimata hija debitrici fil-konfront tal-esponenti fl-ammont fuq msemmi, liema ammont jirrapprezenta dejn cert, likwidu u dovut u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa ta' smigh *a tenur* ta' l-artikolu 167 *et seq* ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* illi fil-fehma tal-esponenti, is-socjeta` intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq fil-konfront tal-fatti kif spejgati mill-esponenti kif ukoll rigwardanti t-talbiet attrici;

Illi l-fatti suesposti huma kollha maghrufin personalment minn Desmond Mizzi, direttur u azzjonist fis-socjeta` esponenti;

Ghaldaqstant u *in vista* tas-suespost, ir-rikorrenti umilment titlob din il-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikkjarazzjoni xierqa u opportuna:

1. Tilqa` t-talbiet attrici bid-dispensa ta' smigh skont l-Artiklu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi s-socjeta` intimata hija debitrici fl-ammont ta' tletin elf, erba’ mija u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€30,490.81) flimkien mal-imghax legali fil-konfront tas-socjeta` esponenti;

3. Tikkundanna u tordna lis-socjeta` intimata sabiex thallas l-ammont suespost flimkien mal-imghax legali.

Bl-ispejjez.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-seduta tat-12 ta’ Marzu 2015.

Rat in-noti tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili datati 26 ta’ Marzu 2015 (fol 64), 9 ta’ Dicembru 2015 (fol 157), 29 ta’ Jannar 2016 (fol 210) u 17 ta’ Frar 2016 (fol 229) rispettivament li permezz taghhhom gew esebiti Certifikati mmarkati “A” li waslu mill-Germanja fl-atti imsemmija.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 23 ta' Frar 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Karl Tanti ghas-socjeta` attrici. Billi rrizulta li s-socjeta` konvenuta hija notifikata u dan fil-11 ta' Dicembru 2015, izda ma gietxipprezentata risposta guramentata, ghalhekk hija kontumaci. Dr Tanti ddikjara li ma kellux provi ulterjuri u strah fuq il-provi li hemm. Il-kawza giet differita ghas-sentenza bil-fakolta` lis-socjeta` kontumaci biex tipprezenta nota fi zmien tletin (30) gurnata minn dan id-digriet, bin-notifika tad-difesnur tal-kontro-parti li jkollu tletin (30) gurnata min-notifika biex jirrispondi, ghat-28 ta' April 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza tirrigwarda kuntratt li sar bejn is-socjeta` rikorrenti u s-socjeta` intimata Münchener Boulevard Möbel GmBH. Permezz ta' dan il-kuntratt, is-socjeta` rikorrenti giet inkarigata mis-socjeta` intimata bhala 'sub-contractor' tas-socjeta` intimata. Dan sar *ai fini* ta' kuntratt principali li kien hemm vigenti bejn is-socjeta` intimata u Palm City Limited. Illi gie sostnut li wara, li s-socjeta` rikorrenti 240 Limited wettqet l-inkarigu, konsistenti f'xoghlijiet ta' installazzjoni, manifattura, transport u kunsinna ta' ghamara gewwa l-Libya, s-socjeta` intimata baqghet ma hallsitx is-somma dovuta ta' 10% tal-prezz globali tal-ftehim principali. Illi dan l-ammont dovut jammonta ghal tletin elf, erba' mija u disghin ewro, u wiehed u tmenin centezmu (€30,490.81).

Jirrizulta li l-s-socjeta` intimata hija kontumaci, u wara li nghatat il-fakolta` li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet taghha baqghet ma ghamlet xejn.

**Fattispecje tal-kaz in ezami:**

Jigi kkonsidrat qabel xejn li ghalkemm is-socjeta` intimata Münchener Boulevard Möbel GmBH hi kontumaci dan ma jfissirx li s-socjeta` attrici m'ghandhiex tipprova l-kaz taghha. *"Hu pacifiku li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni."* **("Charles Saliba vs Salvu Borg"** – Appell 27 ta' Gunju 1997) u *"skont kif dejjem gie ritenut minn dawn il-Qrati l-kontumacja ghandha tigi interpretata wkoll bhala oppozizzjoni u l-Qorti ghalhekk tidhol f'certi dettalji li thoss li huma mehtiega biex tistabbilixxi l-verita` tal-fatti*." **("Ruth Apap vs Noel Apap"** – P.A. FDP 30-6-1995, u "**Emanuel Spiteri et vs Benedetta Meilak noe."** P.A. AF 15-1-2014).

Jirrizulta li kien hemm kuntratt datat 2 ta' Marzu 2010, Dok A, (fol 6-7), fejn is-socjeta` rikorrenti giet inkarigata mis-socjeta` intimata bhala 'sub-contractor' tal-istess socjeta` intimata. Dan sar *ai fini* ta' kuntratt principali datat 21 ta' Jannar 2010, Dok B (fol 8-21). Dan l-ahhar kuntratt jistipula x-xoghlijiet li kellhom jigu mwettqa mis-socjeta` intimata.

Illi s-socjeta` rikorrenti qed titlob is-somma ta' 10% tal-prezz globali tal-Ftehim principali, ossia Dok B esebit. Illi jirrizulta li Dok A, ffirmat bejn il-partijiet fil-vertenza odjerna, gie ffirmat b'referenza ghall-kuntratt li sar precedentment

bejn is-socjeta` intimata u Palm City Limited. Illi hemm provdut fil-ftehim Dok A, li:

"MBM will pay 240 10% of the full contract value after completion and final payment of Palm City." (fol 6). Huwa proprju dan l-ammont reklamat mis-socjeta` attrici fil-kaz in ezami, hekk kif jidher f'Dok C (fol 22).

Is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti minkejja interpellazzjoni ufficjali permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 3060/13 pprezentata fit-8 ta' Ottubru 2013. Din l-ittra hi esebita fl-atti tal-kawza bhala Dok D (fol 23). Illi *stante* li sussegwentement ghal dan, is-socjeta` intimata baqghet inadempjent, is-socjeta` attrici istitwiet il-procedura odjerna.

Referibbilment, ghall-kontumacja tas-socjeta` intimata, huwa inkontestat li l-hlas mitlub mis-socjeta` rikorrenti ghadu ma sarx. Is-socjeta` intimata naqset ukoll milli taghti raguni valida ghall-inadempjenza taghha. Ikkonsidrat li ghalkemm kontumacja hija oppozizzjoni, xorta wahda hu importanti li tali oppozizzjoni tkun valida. Ghalhekk, din il-Qorti tikkonkludi, wara li evalwat l-atti tal-kaz, li ghad hemm dovut mis-socjeta` intimata lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' tletin elf, erba' mija u disghin ewro, u wiehed u tmenin centezmu (€30,490.81).

Illi ghalhekk, jirrizulta li t-talba tas-socjeta` rikorrenti hija gustifikata u ghandha tigi milqugha.

Illi l-ewwel talba gja giet sorvolata billi din il-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawza bil-proceduri normali u mhux bhala kawza sommarja.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-kontumacja tal-intimat, u filwaqt li tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-ewwel talba attrici, tilqa' t-talbiet rimanenti billi tiddikjara li s-socjeta` intimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' tletin elf, erba' mija, u disghin ewro, u wiehed u tmenin centezmu (€30,490.81) u tikkundanna lill-istess socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont imsemmi flimkien mal-imghaxijiet kummercjali li jibdew jiddekorru mit-3 ta' Novembru 2010 sad-data tal-pagament effettiv.

**L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` intimata.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' April 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' April 2016**